# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 06 ta' Novembru, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Ernest Grima**

**Kumpilazzjoni Nru: 449/2017**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Ernest Grima detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 19176(M).

Akkuzat talli nhar is-07 ta' Ottubru 2017, ghal habta tal-17:00hrs u 17:10hrs, fi Triq il-Falkunier, Fgura, f'Malta:-

Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-mara tieghu Stavroula Grech, griehi ta' natura gravi, jew igibilha disordni f'mohhha kif iccertifikat Dr. Rachel Psaila mic-Centru tas-Sahha, Floriana.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall-persuna ta' Stavroula Grech sabiex jinjurjaha, idejjaqha jew jaghmillha hsara kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici.

Talli fl-istess, dati, hinijiet, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Roderick Pace, griehi ta' natura hafifa, Dr. Rachel Psaila mic-Centru tas-Sahha Floriana.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija Stavroula Grech u Roderick Pace, u minn issa tapplika l-provedimenti ta'l-artikoli 383 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat l-verbal ta'l-udjenza mizmuma llum meta kemm Stavroula Grech kif ukoll Roderick Pace, debitament assistieti, ddikjaraw li kienu qed jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta' l-imputat.

Rat li l-imsemmija Grech u Pace, ingunti bhala xhiedha tal-prosekuzzjoni, prevalixxew ruhhom mill-fakulta li ma jixhdux stante proceduri fil-konfront taghhom relatati ma'l-incident de quo.

Semghet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi jibda biex jinghad li l-imputat u l-parte civile Stavroula Grech, li llum qeghda f'relazzjoni mal-parte civile l-iehor Roderick Pace, fil-passat kienet mizzewwga ma'l-imputat u ghandhom tifla komuni. L-imputazzjonijiet odjerni huma bazati fuq incident li nqala' bejn l-imputat minn-naha u zewg parte civile min-naha l-ohra meta l-imputat kien qed jezecrita l-access favur ibnu. L-imputazzjonijiet huma:

1. offiza gravu fuq il-persuna ta' Stavroula Grech;
2. hebb kontra Stavroula Grech; u
3. offiza hafifa fuq il-persuna ta' Roderick Pace.

Illi l-ewwel imputazzjoni tirreferi ghall-griehi sofferit minn Stavroula Grech. Dawn il-griehi huma elenkati fic-certifikat mediku esebiet (a fol 9 tal-process). Minn dan ic-certifikat u mill-informazzjoni li nghatat lill-

ufficjal prosekutur f'l-istadju ta'l-investigazzjoni mit-tabiba li rrilaxxjat dan ic-certifikat hija ddeskriviet l-griehi bhala ta' natura gravi minhabba barxa zghira fuq ghajnejn ix-xellugija.

Illi l-principjji li jirregolaw il-klasifikazzjoni ta' griehi ai fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti f'l-ordinament guridiku taghna. Fil-gurisprudenza huwa pacifiku li:

> *Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza.*[1]

Illi l-Qorti kellha opportunita tara lil Grech u setghet tikkonstata li m'ghandha l-ebda marka fuq wiccha. Fil-fatt l-istess Grech, kif assistita, iddikjarat li l-griehi li hija soffriet f'dan l-incident kienu kollha ta' natura hafifa.

Illi dwar l-isfegju u mankament fil-wicc imsemmi f'l-artikoli 216 u 218 tal-Kapitolu 9 il-Qorti ta'l-Appell Kriminali tghallem li:

> *B'mankament fil-wiċċ il-ligi qed tirreferi għal kull deterjorament tal-aspett tal-wiċċ li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduċi sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alteranzione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". Sfreġju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ. Skont ġurisprudenza ormai pacifika, din il-ħsara li tammonta għal*

[1] Ref Pulizija vs Joseph Azzopardi Appel Kriminali 30.07.2004

*sfreġju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin*[2].

Illi aktar minn hekk l-istess Qorti qalet li:

*Skont l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9, l-offiża fuq il-persuna hija gravi jekk, fost ċirkostanzi oħra, iġġib sfreġju fil-wiċċ. Il-Liġi ma tirrikjedix li dan l-isfreġju jipperdura għal xi żmien partikolari; sfreġju fil-wiċċ (jew fl-għonq jew f'waħda mill-idejn) anke ta' ftit ġranet jibqa' sfreġju għall-finijiet tal-imsemmija dispożizzjoni. Il-permanenza tali sfreġju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', tagħti lok għal hekk imsejħa offiża gravivissima' skont l-artikolu 218(1)(b) tal-Kap 9*[3].

Illi tenut kont tal-fatt li dak li gie riskontrat mit-tabiba kienu tbengiela, abrazzjoni u girfa, u li l-girfa fuq ghajnejn Grech ma halliet l-ebda sinjal fuq wiccha u ma jidhirx li soffriet minn xi *sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo....del volto* u lanqas qatt ma kellha *ħsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ,* ma jistax jinghad li l-griehi li hija soffriet kienu ta' natura gravi fit-termini ta'l-artikolu 216 tal-Kapitolu 9, imma griehi hfif fit-termini ta' l-artikolu 221 ta'l-istess Kapitolu 9, fatt dan rikonoxxut mill-istess parte civile kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni minnha maghmula.

Illi la darba anke Stavroula Grech soffriet biss griehi ta' natura hafifa ir-reati li taghhom jista jinstab hati l-imputat m'humiex ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali ghalhekk, ai termini ta' l-artikolu 403 tal-Kapitolu 9 din il-Qorti ghandha tghaddi biex taghti sentenza fuq ir-reati skond l-artikolu 377 ta'l-istess Kapitolu 9.

Illi kif diga ntqal l-parte leza irrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali. L-imputazzjonijiet kollha li jirrizultaw huma prosegwibbli fuq kwerela tal-parte leza, ghalhekk l-Qorti m'ghandha l-ebda ghazla hlif li tiddikjara l-procediment ezawriet. Ghal kull buon fini l-Qorti tirrileva li l-unici xhiedha okkulari kienu l-partijiet involuti li ma xehdux u mill-atti ma jezistux provi sufficjenti fil-grad rikjest mill-Ligi biex tkun tinstab htija fil-konfront ta' l-imputat.

---

[2] Ref Il-Pulizija vs Paul Spagnol deciza fit-12 ta' Settembru 1996.
[3] Ref Il-Pulizija vs Fortunato Sultana deciza fit-05.02.1998.

Ghal dawn il-motivi, u wara r-rinunzja ghall-azzjoni kriminali min-naha tal-parte leza, il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawriet.

B’applikazzjoni ta’l-artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta (rez applikabbli ai termini ta’artikolu 403(1) ta’l-istess Kapitolu 9) tordna li l-atti flimkien mas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien mghoti mill-Ligi.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**